ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rott

## IT-TIENI SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha Sitt Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġiba ta' Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| indipendenti | l-għajnuna | fil-bżonn | solidarjetà | ir-responsabbiltà |
| post fejn joqgħod | il-bżonnijiet bażiċi | is-servizzi | interazzjoni soċjali | interdipendenti |

Fil-ħajja ta' kuljum il-bniedem għandu bżonn ______________________ biex jissodisfa ______________________ tiegħu. Dawn huma l-ikel u l-ilma, ______________________, ħwejjeġ u kura medika. Mingħajrhom il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem tkun baxxa. Il-bniedem jiddependi minn ħaddieħor u mis-soċjetà ġenerali fl-oqsma kollha tal-ħajja. Ġeneralment huwa l-għan ta' kull bniedem li jsir ______________________, iżda dan mhuwiex possibbli għal kollox – xorta jkollna bżonn ______________________ li jipprovdu bnedmin oħra biex niġu moqdija f'kollox. Minħabba f'hekk, aħna ______________________. Huwa importanti li nifhmu li, meta nkunu indipendenti, ma jkunx ifisser li ma nagħtux kas ta' ħaddieħor. Xorta waħda jkollna ______________________ li ngħinu lil min ikollu bżonn. Għalhekk, parti mill-______________________ hija li nagħrfu l-bżonnijiet ta' ħaddieħor. Wieħed mill-isbaħ valuri li għandna f'Malta hija li ngħinu lil min hu ______________________. Dan il-valur sabiħ jissejjaħ ______________________.

**(marka x 10 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. Gruppi soċjali huma
   a. gruppi ta' ħbieb
   b. gruppi ta' nies li jiltaqgħu għal għan komuni
   c. gruppi ta' nies minn pajjiżi differenti.

2. L-identità personali
   a. tiddistingwina minn persuni oħra
   b. hija *card* bir-ritratt tiegħi
   c. tfisser karatteristiċi soċjali li jkollu kulħadd.

3. Relazzjonijiet soċjali jseħħu meta
   a. naraw it-televiżjoni
   b. niltaqgħu man-nies u nsiru nafuhom
   c. inkunu mexjin mgħaġġlin fit-triq.

4. Biex ikollna iżjed tolleranza lejn membri oħra tas-soċjetà rridu
   a. nifhmu aktar lil xulxin
   b. niżviluppaw it-talenti tagħna
   c. nitgħallmu niktbu u naqraw.

5. Mingħajr din, l-interazzjoni ma tistax tkun tajba:
   a. globalizzazzjoni
   b. ċittadinanza
   c. komunikazzjoni.

6. In-normi soċjali
   a. huma regoli informali li jagħmluhom il-membri tal-grupp
   b. huma xi ħaġa li tista' tiddeċidihom int
   c. jgħinuk tagħżel dak li hu tajjeb għalik.

7. Il-*peer pressure*
   a. huwa grupp ta' ħbieb li jiltaqgħu ta' spiss
   b. huwa grupp li ma tantx jafu lil xulxin
   c. huwa l-influwenza qawwija tal-ħbieb fuqna.

8. Hemm żewġ tipi ta' edukazzjoni:
   a. primarja u sekondarja
   b. personali u soċjali
   c. formali u informali.

9. Il-kunflitt soċjali huwa
   a. il-kontroll li tagħmel is-soċjetà fuqna
   b. nuqqas ta' qbil man-nies li ngħixu magħhom
   c. li ma jkunx hemm tfixkil biex jintbagħat il-messaġġ.

10. Solidarjetà ma tfissirx biss li nagħtu l-flus, iżda
    a. nagħtu pariri
    b. nagħtu eżempju tajjeb
    c. nagħtu anke l-ħin u l-għajnuna.

**(marka x 10 = 10 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Spjega t-termini KOLLHA li ġejjin:**

1. *Peer group*

2. Interazzjoni soċjali

3. Egoiżmu

4. Normi soċjali

5. Kunflitt ta' rwol

6. Diversità

7. Komunità nazzjonali

8. Wirt storiku

9. Ambjent soċjali

10. Valuri

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D: Kieku kont int f'dawn is-sitwazzjonijiet, x'kont tagħmel?**

1. Dan l-aħħar il-ħabiba tiegħek inbidlet. Qiegħda tipprova tkun bħall-kuġina tagħha li hi snin ikbar minnha. Qiegħda tagħmel bħalha f'kollox. Int x'parir tagħtiha?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Wieħed minn sħabek tal-klassi rari jitkellem, dejjem waħdu. Inti tixtieq tgħinu. X'tista' tagħmel?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Il-ħabib tiegħek qallek li nhar ta' Sibt imur il-laqgħa tal-Iscouts u jieħu gost ħafna. Inti tixtieq tibda tmur f'xi għaqda taż-żgħażagħ. X'vantaġġi hemm jekk tibda tmur f'xi għaqda bħal din?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. Meta titkellem ma' sħabek fuq l-internet osservajt li wieħed mill-ħbieb tiegħek qiegħed jgħajjar lil ħabib ieħor. Inti x'tista' tagħmel?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Kultant ma jkollokx aptit toħroġ ma' tal-familja. Tippreferi toqgħod tiċċettja fuq l-internet. L-għalliema tal-iskola qaltilkom li din mhix dejjem ħaġa tajba. Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4 marki x 5 = 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwar**



"L-ambjent huwa dak kollu li hawn madwarna, kemm dak li tatna n-natura, kif ukoll dak li bena l-bniedem. Biex il-bniedem jgħix, ikollu jieħu dak li għandu bżonn min-natura u r-riżorsi li pprovdiet. Jekk il-bniedem iħammeġ l-ambjent, ikun qiegħed iħammeġ id-dar tiegħu stess, joħloq problemi għall-ġenerazzjonijiet tal-futur u jġib il-mard b'idejh. Il-bniedem mhuwiex l-uniku ħlejqa fid-dinja – hemm l-annimali u l-pjanti wkoll. Dawn huma sors ta' ikel għalih, għalhekk jeħtieġlu jagħraf kif jgħix mingħajr ma jeqred iċ-ċiklu tal-ħajja.

L-għażliet li jagħmel il-bniedem iridu jkunu sostenibbli, jiġifieri ma jaħlux ir-riżorsi kollha llum biex il-ġenerazzjonijiet tal-futur ikunu jistgħu jgawdu mir-rigali li tatna n-natura."

**Mistoqsijiet**

1. X'tifhem bil-frażijiet **ambjent fiżiku** u **ambjent soċjali**?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4 marki)

2. X'se jiġrilu l-bniedem jekk ma jibżax għall-ambjent naturali? Semmi **ŻEWĠ** konsegwenzi.

______________________________

______________________________ (2 marki)

3. X'taħseb li tfisser il-frażi **ċ-ċiklu tal-ħajja**?

______________________________

______________________________ (2 marki)

4. Semmi **ŻEWĠ** problemi ambjentali li għandha Malta bħalissa.

______________________________

______________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Semmi **ŻEWĠ** problemi ambjentali li għandha d-dinja bħalissa.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

6. Il-popolazzjoni fid-dinja issa laħqet is-seba' biljun ruħ. X'effett jista' jkun hemm fuq r-riżorsi tad-dinja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3 marki)

7. X'jistgħu jagħmlu ż-żgħażagħ u t-tfal biex jgħinu fil-ħarsien tal-ambjent? Semmi **ŻEWĠ** inizjattivi.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

8. Agħżel **WIEĦED** minn dawn u għid kif qiegħed jgħin biex inaqqas il-problemi ambjentali: (i) Nature Trust, (ii) il-Kunsill Lokali, (iii) l-Unjoni Ewropea.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3 marki)

**20 marka**

**Taqsima F: Ikteb komponiment ta' madwar 170-200 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1) Il-kultura Maltija hija taħlita ta' elementi Mediterranji u Ewropej. Spjega.

2) Ir-relazzjonijiet li għandu l-bniedem ma' ta' madwaru. Iddiskuti.

3) Ikteb dwar **TLIET** għaqdiet internazzjonali li huma friegħi tal-Ġnus Magħquda.

**20 marka**

**Total: 100 marka**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers